MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 967/2003

**M. Demajo (Timbers) Limited (C 750)**

**vs**

**Guido Agius Furniture Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' sitt elef, mija u tletin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,130.50), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta kif jidher mill-prospett anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok 'A';

Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti.

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smigh; u

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, mija u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm6,130.50) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata sittax (16) ta' Gunju 2003 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1558/03 pprezentat fit-tnax (12) ta' Settembru 2003 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------